MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2010

Numru 602/2009

**Il-Pulizija**
**Sp Kevin J Farrugia**
**vs**
**Jean Paul Schembri**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Jean Paul Schembri ta' 20 sena iben Michael u Yvonne nee' Bugeja mwielda Pieta fit-3 ta' Settembru 1988 u residenti 'My Nest' Triq l-Imnarja Buskett Dingli, ID 404488 (M).**

**Akkuzat tallli fil-25 ta' Novembru 2007 ghall-habta ta' 18.50hrs gewwa Triq Enrico Naudi Iklin u fi nhawi ohra f'dawn il-Gzejjer:**

**1. ghamel hsara volontarja ghad-dannu ta' Neil Gauci ID 516088 (M), Paul Gauci, ID 289254 (M) u terzi**

**ohra, fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAEW 839, liema ammont ta' hsara huwa iktar minn 116.47 Euro izda inqas minn 1164.69.**
**2. waqt il kien qed isuq il-vettura in-numru ta' registrazzjoni BAH 126 saq b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluz**
**3. saq vettura b'numru tar-registrazzjoni BAH 126, minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-trasport ta' Malta.**
**4. saq jew uza vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAH 126 fi triq, liema vettura ma kellhiex fis-sehh il-polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni**

**Rat l-atti kollha tal-process inkluz il-fedina penali ta' l-imputat, ic-certifikat tat-twelid, il-kunsens kemm ta' l-Avukat Generali u kif wkoll ta' l-imputat li dawn il-proceduri jkunu sommarji.**

**Rat li l-kwerelanti dehru quddiemha u rrinunzjaw ghall-kwerela taghhom li kienu ghamlu vis a vis l-imputat.**

**Rat li ma kien hemm ebda xhieda ohra.**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 325 (A) tal-Kap 9 u l-Artikoli l-ohra li ghandhom x'jaqsmu ma' l-imputazzjonijiet l-ohra, qed tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni kontra tieghu minhabba nuqqas ta' provi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------